# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**vs**
**Ruth Borda**
**Alan Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Ruth Borda**, detentrici tal-karta tal-identita' 190783M; u

**Alan Cutajar**, u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 125977 (M).

Akkuzati talli nhar il-11 ta' Ottubru, 2006 ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu minn gewwa Time Square Pub fix-Xatt ta' Tas Sliema, ikkommettew serq ta' LM150 ghad-dannu ta' George Gatt minn San Giljan liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur.

Akkuzat ukoll li Alan Cutajar wahdu sar ricediv fuq diversi sentenzi mahrugin mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat Alan Cutajar miet fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe fit-2 ta' Novembru 2015.

Rat li l-imputata Ruth Borda ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Alan Cutajar miet fit-2 ta' Novembru 2015; il-procediment fil-konfront tieghu ghalhekk huma ezawriet.

Illi l-imputata Ruth Borda ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisafacjentment pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-ammissjoni ta'l-imputata, l-fedina penali taghha kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami. Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li8 tiddikjara il-procediment fil-konfront ta'l-imputat Alan Cutajar ezawriet, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Kigijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**